*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 61**

**Il-Ħamis 27 ta' Lulju 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Charlot Cassar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Kien hemm ittra waħda t'apoloġija.

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**61.3** **<u>Diskussjoni fuq il-public domain kif ġie mħabbar fuq il-mezzi tax-xandir:</u>**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet illi bħala Kunsill għandna naqblu maż-żewġ proposti li daħlu fuq dominju Pubbliku.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi nnota li Ġnien David Vella mhuwiex imdaħħal f'dawn il-proposti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi ssuġerixxa li fit-18000 metru kwadru li fis-South Local Plan qiegħda nkluża tiġi nkluża ukoll fil-Public Domain peress li nnota li ma kienetx inkluża.

Is-Sindku qal li ntefgħet applikazzjoni mil-iżviluppatur fil-post li qed jindika il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar fejn ser issir Universita' u allura mhux il-każ li tidħol taħt Public Domain.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal ukoll li s-simenta ukoll għandha tiġi inkluża taħt dominju pubbliku fil-każ ta' San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ppropona li fejn hemm il-gabbana, għandha tiġi nkluża wkoll għaliex dik l-art hija tal-pubbliku.

Kien hemm qbil unanimu li dawn iż-żewġ żoni jiġu nklużi kif ukoll l-kosta mid-dar il-ħamra sal-Pitch tal-Waterpolo.

- **<u>Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-6:30pm.</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri irrefera għal applikazzjoni li kienet diġa saret min naħa tal-Waterpolo.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar reġa` ppropona li tidħol fil-Public Domain it-18000 metru kwadru li hemm in-naħa taż-Żonqor minħabba li fis-South Local Plan għadha tidher bħala parti mil-Park Nazzjonali u li tinsab f'żona *Outside Development Zone*.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li jaqbel ma dak li qas is-Sur Charlot Cassar u allura issekonda l-proposta tiegħu.

Ittieħed vot għal proposta tal-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar:

Favur 4: Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt u il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar.

Kontra 5: Is-Sindku s-Sur Mario Calleja, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona li diment l-art ma tiġix użata għall-iskop ta' Universita' kif propost, l-art għandha tiġi inkluża bħala dominju pubbliku.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard żiedet tgħid li jekk l-Universita' issir u ma jintlaħaqx l-iskop, tiżdied ukoll bħala dominju pubbliku u mhux tintuża għal xi skop ieħor.

Il-votazzjoni kienet 9 favur 0 kontra.  Kien hemm qbil unanimu.

61.8 ***<u>Riżuluzzjoni speċjali fuq PA2240/17 fejn kienet nittieħdet deċiżjoni mill-Kunsill f'seduta preċedenti li tikkonċerna t-twaqqiegħ ta' bini antik fi Triq ix-Xatt:</u>***

Is-Sindku qara r-Riżoluzzjoni speċjali. Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li dakinhar fis-seduta d-deċiżjoni ittieħdet fuq il-kriterju li kienet dar antika.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li fuq appell għandu esperjenza, kompla jgħid illi hemm meżżi kif il-bini jista jitħalla jiddeterjora u jaqa. Daniel qal li l-appell xorta se jgħaddi u allura ma niġġieldux kawżi mitlufa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li r-rapport tal-Perit ikkonferma li ma tantx hemm x'tista tagħmel fuq dan il-każ. Jixtieq li titħalla imma ma tistax.

Is-Sindku qal li l-Perit qed jgħidlina li se nitilfu l-każ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għal kopja ta' kif saret l-ewwel oġġezzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi daħħalna l-objection imma ma komplejniex għaliex konna qed nistennew informazzjoni mil-Perit tal-Kuntrattur. Waqt is-seduta tal-Kunsill tlabna lill-Perit ċertu informazzjoni. Sakemm ġiet l-informazzjoni liema informazzjoni ma ġietx kollha, laħqet ittieħdet deċiżjoni mil-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-oġġezzjoni ma kienetx elaborata għaliex konna fl-istadju ta' diskussjoni. Is-Sur Ciantar qal illi qatt ma qabbadna lill Perit biex jevalwa d-deċiżjoni. Is-Sur Ciantar qali illi hu filfatt ċempel lill-Perit dwar dan il-każ. Il-Perit kellu biss jimplimenta d-deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar qalet illi tixtieq illi fuq bini storiku nagħtu kashom imma f'dan il-każ jidher mitluf u aħjar naraw fuq affarijiet oħra li rridu nsalvaw.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi la l-Perit qed jgħidilna li m'hemmx każ m'hemmx għalfejn nipproċedu bl-appell.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi pprefera li dan il-każ ma ġiex quddiem il-Kunsill. Ir-rapport tal-Perit kif ukoll d-deċiżjoni tas-Sovratindent tal-Wirt Kulturali dawwarlu d-deċiżjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li mnalla l-Perit għamel rapport għalkemm ir-rapport ma tlabnihx, kompla jgħid illi hu se jivvota favur ir-riżoluzzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi seta kienet dar oħra. Is-sidien ta' dan il-post ma jafx min huma.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li din hija Riżoluzzjoni surrejali. Id-deċiżjoni tiegħu tibqa l-istess. Din il-binja turi l-karattru l-antik ta' Marsaskala u talab li l-Kunsill jappella u li għandhom jinfetħu negozjati mal-Gvern biex djar bħal dawn ikunu restawrati.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi rat l-informazzjoni kollha, ir-rapport tal-Perit tagħna ma qal xejn ġdid min dak li kien ntqal mis-Sovratindent, il-Kunsill appella għax hija landmark speċjalment dak li hemm propost. Hija żgur li mhux ser taqbel.

Ittieħed vot fuq din ir-riżoluzzjoni:

6 Favur: Is-Sindku s-Sur Mario Calleja, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri.

3 kontra: Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalu li ser jibqgħu mal-vot li ttieħed biex ikunu konsistenti mal-vot oriġinali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni li l-media ħabbret li kienu applikaw għal permess tal-universita' u bħala Kunsill għandna niltaqgħu magħhom.

- **<u>Tmiem tal-laqgħa.</u>**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir Nhar it-Tnejn 28 t'Awwissu 2017 fis-6.00pm.

Konfermat illum 27 ta' Lulju 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 61- is-Seba Leġislatura.**